# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1780

**Kaz Numru 1528**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Paul Camilleri**

**u**

**Kumpanija Frozen Art Ltd**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta*

Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK)

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjal permezz ta’ ittra datata 20 ta’ April 2001, Referenza: MSP/TI/26/2001 biex tigi pprocessata skond il-provedimenti ta’ l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Is-Sur Paul Camilleri li minn issa jidher bhala l-appellant kien assistit minn Dr Charmaine Cherrett. Ghall-kumpanija Frozen Art Ltd deher is-Sur Carmel Apap assistit minn Dr Mario DeMarco.

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant jghid, li huwa kien impjegat ma’ Frozen Art Limited bhala storekeeper u gie tterminat permezz ta’ ittra datata 20 ta’ Marzu 2001 li tghid “fid-dawl ta’ l-investigazzjonijiet li ghadhom ghaddejjin dwar certi akkuzi li saru lilek, il-Kumpanija ddecidiet li ghandha provi bizzejjed kontrik, u ghalhekk qieghda titterminalek l-impieg tieghek b’effett immedjat”.

L-appellant ikompli jghid, li l-Kumpanija qatt ma ghamlet l-ebda akkuzi fil-konfront tieghu u lanqas qatt ma gabet provi ghall-liema raguni ghandu jigi tterminat l-impieg tieghu.

Is-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li l-appellant kien impjegat bhala storekeeper/delivery clerk mal-Kumpanija Caruana Cold Storage Imports Limited mill-4 ta’ Jannar 1992 u kien gie trasferit ghal mal-Kumpanija Frozen Art Limited fl-1 ta’ Jannar 1999 bl-istess kariga ta’ storekeeper/delivery clerk u liema mpjieg gie tterminat fil-21 ta’ Frar 2001.

Is-Socjeta tkompli tghid, li d-dmirijiet principali tieghu kienu li flimkien ma mpjegat iehor kienu jzommu records manwali u kompjuterizzati ghall-kontroll ta’ l-istock tal-gelat li kien jigi manifatturat u mpurtat mill-kumpanija. Il-Kumpanija tghid ukoll , li fost id-dmirijiet tieghu hu kien jikkontrolla t-taghbija tal-gelat fuq it-trakkijiet tas-salesmen bil-hrug ta’ dokumenti maghrufa bhala loading sheets u kien l-obbligu ta’ l-istorekeeper kif ukoll tas-salesman li kull loading sheet tkun iffirmata minnhom.

Is-Socjeta tghid ukoll , li l-appellant kien l-uniku persuna responsabbli li jdahhal fis-sistema kompjuterizzata maghrufa bhala l-Wisdom System kull loading sheet biex wara tinhareg l-invoice ta’ kull salesman. Ghalhekk, kull invoice u loading sheet mahruga mill-appellant mis-sistema Wisdom kellha tkun dejjem iffirmata mis-salesman rispettiv.

Is-Socjeta tghid ukoll , li l-appellant seta ukoll jaghmel aggustamenti fl-istock fuq ktieb apposta izda kull adjustament irid jigi ffirmat minnu u minn persuna tal-management.

Is-socjeta tkompli tghid, li f’Novembru 2000 il-management gie nfurmat mid-dipartiment tal-accounts li wara li sar l-physical stock tal-gelat fil-31 ta’ Ottubru, instabu nuqqasijiet sostanzjali fuq l-istock ta’ diversi salesman. Saru diversi verifiki u anke ntalbet il-Kumpanija Holistics li kienu nstallaw is-sistema kompjuterizzata biex ikun accertat li s-sistema kienet hadmet sewwa. Saru testijiet intensivi li rrizultaw li is-sistema kienet hadmet sewwa. Intalbet ukoll l-ghajnuna tal-kumpanija ta’ awdituri Price Water House

Coopers biex huma wkoll iverifikaw l-entraturi ta’ l-istock ta’ wiehed mis-salesmen. Saru verifiki ntensivi u r-rizulta li l-istock kien verament nieqes. Il-kumpanija tkompli tghid, li fl-istess zmien Paul Camilleri kien gie nfurmat mill-Accounts Department li nstabu divers invoices li ma kienux iffirmati mis-salesmen. Huwa hareg kopji ta’ dawn l-invoices li hafna minnhom kienu datati Mejju 2000 u b’sorpriza irnexxilu jgijiel lis-salesmen jiffirmawhom kollha. Il-kumpanija tghid ukoll, li kien fit-12 ta’ Frar 2001 li l-Management sejjah separatament kull salesman fejn kull wiehed gie mitlub biex fi zmien jumejn jaghti spjegazzjoni tan-nuqqas ta’ l-istock u ghaldaqstant billi hadd mis-salesmen ma gie lura bi spjegazzjoni ta’ dan in-nuqqas is-salesmen kollha gew sospixi fis-16 ta’ Frar 2001. Il-kumpanija tkompli tghid, li wara l-intervent tal-Union il-kumpanija tghat lil kull salesman kopji tad-dokumenti kollha u anke offrit lil kull salesman kull ghajnuna fl’iccekar ta’ l-istock. Saru diversi laqghat ma kull salesman fil-prezenza ta’ l-Union u kien f’dawn il-laqghat li nstabu diversi loading sheets li ma kienux iffirmati mis-salesman. Instabu wkoll diversi diskrepanzi fejn certu salesmen gew invocjati b’merkanzija ta’ gelat li huma ma kienux ghabbew. Il-kumpanija tghid li rrizulta li dawn il-loading sheets, kif ukoll id-diskrepanzi kienu kollha maghmula mill-appellant.

Il-kumpanija tghid ukoll, li l-appellant gie mitlub biex jispjega ghaliex instabu loading sheets mhux iffirmati u li taghhom hu kien hareg invoices fuq diversi salesmen. Huwa ammetta li kien hu li hareg dawk il-loading sheets, Huwa allega li l-loading sheets originali ttiehdu mill-ufficju tieghu.

Il-kumpanija tkompli tghid, li l-management informa lil Paul Camilleri li ma missu qatt hareg kopji ta’ dawn il-loading sheets f’Dicembru 2000, kien gijiel is-salesmen jiffirmaw l-invoices relattivi ta’ dawn il-loading sheets u li issa fi Frar qieghed jinforma ghall-ewwel darba l-management li dawn il-loading sheets kienu nieqsa. Il-kumpanija tghid ukoll , li kien hemm kazi strambi kif certi invoices bid-data ta’ Mejju li l-appellant kien hareg kopji taghhom f’Dicembru u li ma dawn l-invoices kien hemm imwahlin zewg loading sheets originali ffirmati mis-salesmen u l-kopja mahruga minn Paul Camilleri f’Dicembru u mhux iffirmati mis-salesmen. Paul Camilleri kien ukoll infurmat li certu salesman kienu allegaw li certu firem fuq il-loading sheets ma kienux taghhom.

Is-socjeta ttem l-istqarrija taghha fejn tghid, li l-appellant tkecca mill-impieg ghax kiser diversi proceduri li kienu kagun tan-nuqqasijiet ta' dan l-istock.

PROVI

Matul is-seduti it-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda u d-dokumenti esebiti. Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat bhala storekeeper/delivery Clerk mal-kumpanija Caruana Cold Storage Imports Limited mill-4 ta' Jannar 1992 u kien gie trasferit mal-kumpanija Frozen Art Limited fl-1 ta' Jannar 1999. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-impieg ta' l-appellant kien gie tterminat permezz ta' ittra datata 20 ta' Marzu 2001.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul iz-zmien li l-appellant dam fl-impieg mal-kumpanija huwa qatt ma kellu twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub u dejjem iddeporta ruhu tajjeb fix-xoghol tieghu.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant fuq raguni li kellu nuqqasijiet fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu tieghu fil-funzjoni ta' storekeeper. Il-kumpanija tghid li hu kellu jiehu hsieb li meta jigu s-salesmen li jbieghu l-gelati tal-kumpanija Frozen Art Ltd meta dawn jiehdu x-xoghol mill-istore u l-merkanzija titghaba fil-vann tas-salesman, kellha issir loading sheet li tigi ffirmata mis-salesman u mill-istorekeeper u dan sabiex ikun hemm record liema salesman ha ix-xoghol u kemm ha merkanzija is-salesman sabiex ikunu jistghu jhallsu ghalija, wara din l-informazzjoni tigi nputtjata fil-computer u sussegwentament tinhareg wkoll invoice li kellha wkoll tigi iffirmata.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li fil-kumpanija apparti l-appellant kien hemm wkoll storekeeper iehor, izda kienet responsabilita ta' l-appellant li jimputtja l-informazzjoni kollha fuq il-computer biex wara ssir rikonciljazzjoni dwar x'hareg stock, x'baqa stock kif ukoll dwar il-flus li kienu dahlu mill-bejgh tax-xoghol.

Mill-provi jirrizulta wkoll, ghalkemm kienet ir-responsabilita ta’ l-appellant li jimputtja ir-rekords fis-sistema tal-computer, pero kontroll strett li seta jghamel uzu mis-sistema tal-programm l-appellant biss ma kienx hemm, infatti mill-provi jirrizulta wkoll, li kulhadd seta jilloggja f’isem l-appellant u kienu jinhargu dokumenti u nvoices fuq ismu anki meta huwa kien ikun bil-leave jew sick leave.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-kumpanija ghamlet l-audit ta’ l-istock irrizulta li kien hemm nuqqas ta’ Lm25,000 fi stock. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li meta l-kumpanija ghamlet l-investigazzjoni taghha biex tara x’wassal ghal dan in-nuqqas ta’ stock u jekk kienx hemm minn ha stock li ma hallasx ghalih instab li kien hemm diversi loading sheets li ma kienux iffirmati kemm mis-salesman kif ukoll mill-istorekeeper. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li kien hemm xhieda konflingenti dwar l-iffirmar tad-dokumenti tal-kumpanija fejn l-appellant jghid li dwar dan in-nuqqas li kien hemm salesman li ma kienux jiffirmaw kien irrapurta kemm il darba l-management tal-kumpanija fil-waqt li quddiem it-Tribunal Industrijali l-management tal-kumpanija nnega li qatt ircieva rapporti ta’ din ix-xorta mill-appellant.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li parti mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-kumpanija sabet li kien hemm numru ta’ loading sheets li kellhom il-firem foloz izda mill-provi ma jirrizultax li dawn il-firem gew mghamula mill-appellant.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li access ghall-istore fejn kien hem mil-merkanzija kien hemm persuni ohra li kellhom access ghalih apparti l-appellant.

Mill-provi jirrizulta wkoll li l-kumpanija irrapurtat il-kaz kollu lill-puluzija, li minn naha taghha ghamlet i-investigazzjonijiet pero s’issa ghadu ma gie akkuzat hadd biex jitressaq quddiem il-Qorti.

Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad, li kienet responsabilita ta' minn hu responsabbli mill-istores li jara li tigi segwita l-procedura li meta jittiehed ix-xoghol mill-istore mis-salesman dawn jiffirmaw id-dokumenti relevanti. Izda it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-iffirmar tal-procedura mhux neccessarjament wassal li jkun hemm dik id-diskripanza fl-istock u lanqas necessarjament din id-diskrepanza hi dovuta ghan-nuqqas li ghamel l-appellant fl-infurzar tal-procedura meta specjalment it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li ghall-access taz-zamma tal-kontroll ta' l-istock fis-sistema tal-kompjuter ma kellux access ghalija biss l-appellant izda kellu access ghalija kullhadd, kif ukoll li kien hemm diversi persuni ohra li kellhom access ghall-merkanzija fl-istores.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll d-dokumentazzjonijiet kollha li ma gewx iffirmati ma kienux necessarjament kollha dovuti ghall-appellant u dan peress li kull dokumentazzjoni li kienet tohrog mis-sistema tal-komputer kienet fuq isem l-appellant u dan anki meta kien ikun bil-leave u sick leave. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fl'ebda stadju tal-kaz ma jirrizulta li l-firem foloz ghamilhom l-appellant.

Decizjoni

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of Case tal-partijiet,ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotta, ikkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq isib, li fil-waqt li l-appellant kien hemm nuqqas minn naha tieghu li ma nfurzx il-procedura neccessarja tal-kumpanija pero fl-istess waqt ma jsibx li n-nuqqasijiet l-ohra li saru kienu kollha dovuti ghalih. Ghaldawstant, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li l-kumpanija kellha d-dritt li tiehu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' l-appellant, pero meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li dan kien l-ewwel kaz ta' dixxiplina ta' l-appellant, kif ukoll li n-nuqqas ta' procedura ta' iffirmar ta' dokumenti fil-waqt li ma jghenux biex jinstab id-diskrepanza ta' l-istock izda, kif diga gie spjegat f'din id-decizjoni mhux necessarjament huwa l-kawza ghan-nuqqas ta' l-

istock u dan peress li d-dokumenti necessarji kienu jindikaw lil min giet allokata l-merkanzija, kif ukoll bhal ma diga gie spjegat kien hemm fatturi ohra li setghu kienu l-kawza ghan-nuqqas ta' l-istock li l-appellant ma kellux kontroll fuqhom. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali isib, li l-mizura ta' dixxiplina kienet wisq harxa ma' l-appellant u setghat il-kumpanija hadet mizura dixxiplinarji ohra izda mhux dik ta' tkeccija fejn irriflettit il-htijiet kollha li seta ghamel haddiehor waqaw kollha fuq spallejn l-appellant.

Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li l-appellant m'ghandhux jinghata l-impieg lura, huwa ghandu jigi moghti kumpens mill-kumpanija li jammonta ghall Lm850 (tmien mija u hamsin lira Maltija) liema kumpens ghandu jithallas mill-kumpanija lill-appellant sa nhar il-Gimgha 11 ta' Mejju 2007.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Illum 26 ta' April 2007

Harold Walls
Chairman